

Il-Papa Franġisku jistieden lilna lkoll matul dan ix-xahar, biex ningħaqdu flimkien u nitolbu sabiex id-deċiżjonijiet importanti li jittieħdu mill-ekonomisti u politikanti jipproteġu l-familja bħala waħda mit-teżori tal-umanità.

**Qari:** ***Mir-rapport finali tas-sinodu tal-isqfijiet dwar il-Familja (2015)***

Il-Familja Mqaddsa ta' Nażaret ukoll għaddiet mill-esperjenza qarsa ta' familja emarġinata u mwarrba. (ara Lq 2:7; Mt 2:13-15). F'dan ir-rigward, il-kliem ta' Ġesù dwar l-aħħar ġudizzju hu ċar: "Tassew ngħidilkom, kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi." (Mt 25:40). Is-sistema ekonomika li għandna llum tikkawża tipi differenti ta' esklużjoni soċjali, u ħafna drabi l-foqra jsiru inviżibbli għas-soċjetà. Il-kultura dominanti llum u l-medja jkomplu jagħmluhom iktar inviżibbli. Dan jiġri għaliex "f'din is-sistema l-bniedem, il-persuna umana, tneħħiet miċ-ċentru u ħaġa oħra ħaditilha postha. Għaliex il-flus saru l-idoli tagħna; sirna naduraw lill-flus. Għax l-indifferenza saret globalizzata. Minħabba f'hekk, is-sitwazzjoni mwiegħra tat-tfal tħassibna, għax huma saru vittmi innoċenti ta' esklużjoni li tagħmilhom "orfni soċjali" veri, u traġikament taffettwahom għal ħajjithom kollha. Minkejja d-diffikultajiet enormi li jħabbtu wiċċhom magħhom, ħafna familji fqar u emarġinati jħabirku biex jgħixu l-ħajja tagħhom ta' kuljum b'dinjità, u jiddependu fuq Alla li ma jiddiżappuntax u ma jabbanduna lil ħadd.

Mulej, inti l-kenn tagħna, il-fortizza tagħna.
Inti l-bidu u t-tmiem. Inti t-triq li twassalna għall-verità.
Nirringrazzjawk talli inti tħobbna ħafna
u talli meta ħlaqtna, inti ridt li nikbru f'familja,
li fiha nirċievu mħabba u għożża u nitgħallmu x'jiġifieri tħobb.
Mulej, il-familja hija importanti ħafna għalik
u għalhekk int għażilt li titwieled f'familja, anzi f'familja fqira.
Mulej, int għext l-ewwel snin tiegħek f'pajjiż barrani
u nimmaġina li bħala refjuġati kontu xi ftit jew wisq emarġinati.
Però żgur li ma naqsitekx l-imħabba fil-familja tiegħek....

għax il-ġenituri tiegħek telqu minn art twelidhom
biex iħarsu u jipproteġu lilek, int li kont għadek tarbija tat-twelid.
Kemm għandna x'nitgħallmu minn dan l-episodju fil-ħajja tiegħek!
X'eżempju sabiħ ta' għożża, għaqda, sagrifiċċju u mħabba!
Mulej, xi kultant ngħid:- Imma kemm nifilħu nkunu boloh!
Ma nitgħallmux mill-iżbalji tal-passat; u mhux hekk biss;
qed infarrku u nkissru l-ikbar teżor li għandna!....Il-familja!
U dan ħafna drabi nagħmluh għax il-flus saru l-idoli tagħna.
Mhux ta' b'xejn il-Papa qed iħeġġiġna biex nitolbu
sabiex id-deċiżjonijiet importanti li jittieħdu mill-ekonomisti u l-politikanti
jipproteġu l-familja bħala waħda mit-teżori tal-umanità.
Suppost, Mulej, l-ekonomisti u l-politikanti
qegħdin hemm biex joħolqu ġid materjali,
li jinqasam b'mod ġust sabiex il-bniedem jgħix b'dinjità!
Minflok qed joħolqu ekonomija bbażata fuq il-flus,
ekonomija fejn min hu sinjur isir iktar sinjur,
u min hu inqas sinjur, ikompli jsir iktar fqir,
u jkollu bil-fors jaħdem kemm jiflaħ biex ilaħħaq mal-ħajja.
Qed joħolqu soċjetà b'mentalità li 'l-aqwa li nkun tajjeb jien',
u li nagħmel minn kollox basta jkolli l-flus f'idejja.
Qed naħdmu bla waqfien biex naqilgħu l-flus
mhux biss biex ikollna biex ngħixu,
iżda biex ikollna biex naħlu, u biex nużaw u narmu.
U xi kultant, Mulej, nużaw din il-filosofija ta' 'uża u armi'
anke ma ħutna l-bnedmin, għax moħħna biss fina nfusna u fil-flus.
Xi ġralna, Mulej, waqajna fin-nasba tal-idolatrija tal-ġid....
u warrabna min-nofs it-tagħlim tiegħek tal-imħabba lejn xulxin!
Mulej, nitolbuk sabiex ma nħallux iktar
l-ekonomija u l-istil ta' ħajja li qed ngħixu fiha,
jiddettaw kif ngħixu u kif inġibu ruħna mal-oħrajn.
Nitolbuk Mulej, sabiex il-politikanti u l-ekonomisti
jaħdmu biex ikabbru l-ġid komuni
iżda fl-istess ħin jużaw dan il-ġid biex itejbu l-kundizzjonijiet
tal-ħajja ta' kulħadd u mhux ta' ftit nies biss.

**KANT**

**Qari:** ***Mir-rapport finali tas-sinodu tal-isqfijiet dwar il-Familja (2015)***

Jekk il-familja ma jkollhiex flus biżżejjed, ma tkunx tista' tgawdi fil-qasam edukattiv, f'attivitajiet kulturali jew fil-ħajja soċjali. Is-sitwazzjoni ekonomika tal-lum qed iżżomm lin-nies milli jieħdu sehem fil-qasam soċjali. B'mod partikolari, il-familji emarġinati u foqra jkollhom problemi fid-dinja tax-xogħol, u ż-żgħażagħ isibu ftit opportunitajiet ta' xogħol, u jekk tinħoloq opportunità ta' xogħol, dan ikun selettiv u prekarju. Il-ġranet tax-xogħol huma twal u ħafna drabi dawn ipoġġu ħafna piż fuq il-familja għax ikun hemm perjodi twal fejn min jaħdem ikun 'il bogħod mid-dar. Din is-sitwazzjoni ma tgħinx lill-membri tal-familja bex jinġabru flimkien jew sabiex il-ġenituri jkunu ma' wliedhom b'mod li jkunu jistgħu jrawmu r-relazzjonijiet ta' bejniethom kuljum. "Biex tikber il-ġustizzja" jeħtieġ li jkun hemm "deċiżjonijiet, programmi, mekkaniżmi u proċessi li jkunu immirati speċifikament biex ikun hemm tqassim aħjar tad-dħul finanzjarju; b'hekk il-kampanja biex il-fqar itejbu l-pożizzjoni tagħhom tkun iktar effettiva. Hemm bżonn ta' politika aħjar favur il-familja jekk irridu li fil-futur il-familja tkun tista' tgħix b'mod armonjuż u dinjituż.

Mulej, il-Papa jixtieq li matul dan ix-xahar nitolbu
sabiex l-ekonomisti u politikanti jipproteġu l-familja
bħala waħda mit-teżori tal-umanità.
Mulej, nitolbuk sabiex tagħtihom id-dehen
ħalli jagħrfu li l-ordni soċjali u l-progress
għandhom jaħdmu favur il-bniedem, ....favur il-ġid tiegħu
u mhux bil-kuntrarju; għax, kif kien qal Ġesù:-
is-Sibt kien maħluq għall-bniedem u mhux bil-kuntrarju.
Mulej, agħtina l-għajnuna biex aħna nagħrfu
l-importanza tal-familja fil-ħajja umana.
Tassew li x-xogħol huwa importanti għall-ġid tal-familja,
imma nistgħu nsibu ruħna f'sitwazzjoni fejn il-familja
ma tkunx tista' tiltaqa' flimkien,
fejn l-ulied jitrabbew mingħajr il-preżenza ta' xi wieħed mill-ġenituri,
jekk mhux mingħajr il-preżenza tat-tnejn.
Mulej, minħabba l-ħajja li qed ngħixu llum,
il-familji żgħażagħ qed ikollhom jitgħabbew bid-dejn,
u biex iħallsuh bil-fors ikollhom jaħdmu t-tnejn.
Agħti, Mulej, id-dehen lil min għandu s-saħħa u l-poter
biex jgħaddi miżuri u liġijiet li jgħinu lill-familji,
speċjalment lil dawk il-familji li qegħdin fil-bżonn,

u lil dawk il-familji li għadhom irabbu lil uliedhom.
Nitolbuk sabiex tifttħilna għajnejna ħalli
ma naqgħux vittmi ta' din is-soċjetà konsumista,
soċjetà li twarrab lill-batut, lill-fqir, lill-emarġinat,
u fuq kollox lil min jipprova jgħix il-valuri nsara.
Għin, Mulej, lil dawk l-ommijiet li, biex ilaħħqu mal-ħajja,
ikollhom imorru lura x-xogħol bil-fors
anke meta wliedhom ikunu għadhom trabi.
Mulej, agħti l-għajnuna tiegħek ukoll lil dawk in-nisa
li jiddeċiedu li jibqgħu d-dar ħalli jieħdu ħsieb uliedhom huma,
u mhux jafdawhom f'idejn barranin fiċ-*child care centres*.
Għinhom, Mulej, għax ħafna drabi jkunu l-mira tad-disprezz tal-oħrajn.
Agħtihom il-kuraġġ sabiex ma jċedux għall-pressjoni tal-oħrajn
u biex ma jħossuhomx imwarrba.

**KANT**

**Nitolbu flimkien**

Alla Missier, għinna ħalli lkoll nagħtu sehemna biex inbiddlu għall-aħjar il-kundizzjonijiet tal-ħajja tal-bniedem.

Nitolbu ... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk Mulej, sabiex tikber il-ġusizzja fid-dinja biex il-ġid komuni jitqassam b'mod ġust.

Nitolbu ... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Għin Mulej lil dawk il-familji u individwi li jinsabu emarġinati mis-soċjetà u li qed jgħixu fil-faqar, sabiex isibu min jgħinhom biex ikunu jistgħu jgħixu ħajjithom f'dinjità.

Nitolbu ... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nitolbu kif talabna l-Papa Franġisku, sabiex id-deċiżjonijiet importanti li jittieħdu mill-ekonomisti u l-politikanti jipproteġu l-familja bħala waħda mit-teżori tal-umanità.

Nitolbu ... Ismagħna nitolbuk Mulej.